**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Dr Emmanuel Mallia**
**Dr David Farrugia Sacco**

**Vs**

**Dr Paul Borg Olivier**

Kaz Numru: 226/2013

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi intavolati fis-7 ta' Marzu 2013 mill-pulizija fuq kwerela ta' Dr Emmanuel Mallia u Dr David Farrugia Sacco datata 22 ta' Frar 2013 fejn l-akkuzat Dr Paul Borg Olivier LL.D ta' 43 sena, bin Paul u Marie xebba Huber, mwieled gewwa tas-Sliema fl-01 ta' Settembru, 1969 u residenti gewwa fond numru 125, Flat 1, Triq San Pawl, Valletta jew 124, Old Bakery Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 337169(M) qieghed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Frar 2013 u fil-granet u gimghat sussegwenti, b'diversi atti maghmulin fi zmininijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bhala direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' Media.Link Communications Limited numru ta' registrazzjoni C 6170, jew bhala dak li kien qed jidher li agixxa f'dik il-kariga ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita ghemil ta' reat u cioe' talli ta l-kunsens tieghu jew ippermetta li gurnalist/i impjegati mal-istess socjeta' u cioe' Media.Link Communications Limited itellghu fuq is-sit elettroniku www.maltarightnow.com artikolu intitolat "**3 esponenti Laburist involuti fl-iskandlu taz-zejt**' u artikolu intitolat '**sitt**

**gidbiet mill-MLP**' b'mod illi tali artikoli ingurjaw u naqqsu mill-gieh ta' Dr Emmanuel Mallia LL.D. u Dr David Farrugia Sacco LL.D u li liema ingurja saret b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew espost fil-pubbliku u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 252(1) u (3) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-istampa ta malafama lil Dr Emmanuel Mallia LL.D u lil Dr David Farrugia Sacco LL.D bi ksur tal-artikoli 11 u 18 tal-Att dwar l-Istampa – Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-kawza odjerna bdiet wara kwerela[1] li kienet intbaghtet mill-avukat ta' Dr Emmanuel Mallia u Dr David Farrugia Sacco f'isimhom personali fit-22 ta' Frar 2013 lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan in segwitu ghal dak li gie stampat aktar kmieni fl-istess gurnata fuq is-sit elettroniku www. maltarightnow.com. L-ilment taghhom jirrigwarda zewg artikoli li ttellghu fuq l-imsemmi sit elettroniku cioe' dak li ttella li kien intitolat '3 esponenti Laburisti involuti fl-iskandlu taz-zejt' u l-artikolu l-iehor intitolat 'sitt gidbiet mill-MLP'. Dawn iz-zewg artikoli gew mehmuza mal-istess kwerela.

Illi dawn il-proceduri kriminali abbazi tal-artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi tal-artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta huma kontra Dr Paul Borg Olivier bhala direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' Media.Link Communications Company Limited.

Illi l-perjodu li fih ittellghu dawn iz-zewgt artikoli fuq is-sit elettroniku *de quo* kien fl-eqqel ta' kampanja elettorali ghall-elezzjoni generali. Dr Mallia u Dr Farrugia Sacco kienu kandidati f'isem il-Partit

[1] Dok RV1 a fol 15 et seq tal-process

Laburista ghall-elezzjoni generali. Dawn l-artikoli ttellghu wara li kienet issejhet konferenza stampa min-naha tal-partit nazzjonalista liema konferenza stampa kienet immexxija mill-imputat u l-persuna li indirizzaha kien Tonio Fenech (dak iz-zmien Ministru) u kien hemm prezenti wkoll Dr Francis Zammit Dimech. Jirrizulta li fix-xahar precedenti kien fegg dak li beda jissejjah bhala l-iskandlu dwar il-kummissjonijiet fix-xiri taz-zejt. Il-partiti politici ewlenin kienu qeghdin jorganizzaw konferenzi stampa bhala botta u risposta. Matul li ghaddej dan kollu kien qieghed ukoll jigi allegat minn esponenti tal-partit laburista fil-konfront tal-istess Tonio Fenech liema allegazzjonijiet kienu qeghdin jigu michuda minnu. Min-naha l-ohra l-partit nazzjonalista kien ukoll qieghed jaghmel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-partit laburista u fil-konfront ta' whud mill-esponenti tal-istess partit fosthom il-kwerelanti odjerni ossija Dr Mallia u Dr Farrugia Sacco li dejjem cahdu kategorikament xi involviment taghhom f'dan l-iskandlu u cahdu kull allegazzjoni maghmula fil-konfront taghhom.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat fiz-zmien li ttellghu l-artikoli fuq is-sit elettroniku kien is-segretarju generali tal-partit nazzjonalista kif ukoll kap ezekuttiv ta' Media.Link Communications Company Limited u dan hekk kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-1 ta' Marzu 2013. Jirrizulta wkoll mill-kopja tal-memorandum and articles of association[2] tas-socjeta' Media.Link Communications Company Limited esebita minn rapprezentant tal-MFSA[3] minn fejn jirrizulta li Dr Paul Borg Olivier kien direttur ta' din is-socjeta' u gie appuntat direttur b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008.

Illi jirrizulta wkoll mill-atti li Media.Link Communications Company Limited zgur fil-perjodu inkwistjoni kienet topera l-operat kummercjali tal-partit nazzjonalista fosthom ix-xandir tal-ahbarijiet permezz ta' televizjoni, permezz ta' radju, permezz ta' gazzetta u mezzi ohrajn. Maltarightnow kienet ukoll proprjeta' tal-Media.Link Communications Company Limited.

Jirrizulta wkoll li fil-perjodu indikat dan is-sit elettroniku ma kellux editur registrat.

<u>L-ewwel imputazzjoni</u>

[2] Dok QT a fol 45 et sequitut tal-process
[3] PL Quentin Tanti fis-seduta tat-8 ta' April 2013

Illi fl-ewwel imputazzjoni, l-imputat fil-kwalita' indikata fl-istess citazzjoni qieghed jigi akkuzat abbazi tal-artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jehtieg li ssir referenza ghal diversi artikoli tal-ligi li huma relevanti. L-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 jipprovdu:

*"**252.** (1) Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jeħel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

*(3) Jekk l-ingurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-hati jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena."*

Referenza trid issir ukoll ghall-artikolu 256 tal-Kodici Kriminali li jistipula:

*"**256.** (1) Fil-kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, ighoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa."*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Vella** deciza fit-30 ta'April 2001 jinghad:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliz). .."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**[4] gie ritenut:

*"Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et** deciza fl-20 ta' Jannar 1997*

[4] Appell Kriminali deciz fit-22 ta' Settembru, 2010

*minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-Press Act. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:*

*"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'tipi tipografici" ('printed in typographical characters', fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku ('composing type and printing from it', Collins English Dictionary, 'v. typography'), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, phototypesetting, l-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' offset printing) hu rrelevanti.*

*Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248. Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph M.Ciappara vs Joseph Zammit u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-typewriter, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs Publio Schembri);*

*Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser:*

*'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra';"*[5]

Illi in vista ta' dawn l-insenjamenti din l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat ma tistax tirnexxi.

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

[5] Ara wkoll **Il-Pulizija vs David Paris** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu, 2009.

Illi l-imputat fil-kwalita' indikata fl-istess citazzjoni qieghed jigi akkuzat li b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Istampa mmalafama lil Dr Mallia u Dr Farrugia Sacco bi ksur tal-artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza fl-ewwel lok tisolleva l-eccezzjoni li l-imputat gie citat hazin u dan abbazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 23 li jinsab fit-Taqsima III tal-Kap 248 jipprovdi:

*"L-azzjoni kriminali ghal xi reat taht it-Taqsima II u l-azzjoni civili taht it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittiehed kontra kull wahda minn dawn il-persuni li gejjin:*

*(a) L-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tigi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tieghu ghal hekk;*
*(b) L-editur*

*Jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati,*

*(c) Ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni."*

Illi t-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-imputat tirreferi ghal zewg artikoli li ttellghu fuq is-sit elettroniku maltarightnow.com fit-22 ta' Frar 2013 u l-imputazzjoni tirreferi wkoll ghall-granet u gimghat sussegwenti.

Mill-provi rrizulta li l-artikoli fil-fatt inkitbu u ttellghu mill-gurnalist Matthew Bonett, liema gurnalist kien jahdem ma' Media.Link Communications Company Limited . Biss pero' fuq l-istess artikoli li ttellghu ma kienx hemm indikat *a tempo vergine* min kien l-awtur taghhom. Id-difiza ssostni li wiehed seta' facilment jasal ghal min kien l-awtur tal-kitbiet anki billi kien hemm zewg gurnalisti min-naha tal-Partit Nazzjonalista li kienu qeghdin isegwu l-press conferences, u gie wkoll ezebit clip li intwera fuq NetNews ta' dik il-gurnata stess u fl-ahhar tas-servizz intqal li kien Matthew Bonett li hejja s-servizz.

Min-naha l-ohra jirrizulta wkoll mill-provi li fiz-zmien tal-artikoli inkwistjoni, is-sit elettroniku maltarightnow.com ma kellux editur registrat. Kwindi huwa eskluz li l-kawza setghet tigi indirizzata fil-konfront ta' editor.

Jifdal ghalhekk jigi deciz jekk l-imputat jikkwalifikax bhala 'ir-responsabbli ghall-publikazzjoni' u dan billi huwa ma kienx l-awtur tal-kitba u lanqas l-editur. Dan huwa inkontestat anki ghaliex l-istess Dr Borg Olivier kien qieghed imexxi l-istess konferenza stampa. Fl-artikolu 2 tal-istess Att gie definit li 'responsabbli ghall-pubblikazzjoni' tfisser persuna li tkun sid ta' impriza ghall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew li jkollha licenza ghax-xandir u tinkludi kull persuna li jkollha facilitajiet ghall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat. Id-difiza ssostni li l-persuna li taqa' taht din id-definizzjoni huwa Anson Aquilina. Dan Aquilina rrizulta li huwa l-persuna li fuqu huwa registrat l-internet domain[6]'maltarightnow.com'. Aquilina xehed li kien jahdem ma' kumpanija li huwa shareholder taghha wkoll. Huwa spjega li: *"igifieri jekk kumpanija tigi, trid taghmel website maghna, nixtrulha d-domain name, inlestulha pjattaforma, imbaghad u r-ritratti, it-text li jkun hemm huwa dejjem responsabilita' tal-kumpanija".* Huwa kkonferma li maltarightnow kienet wahda mid-dominji li bhala kumpaniji rregistraw, kien inkarigah ufficjal mill-Media.Link Communications Company Limited[7] u huwa kkonferma li huwa partner fil-kumpanija Abacus Solutions.

Huwa xehed li l-fatt li d-domain tal-maltarightnow.com kien ighajjat lilu kienet ommissjoni amministrattiva li tigri fis-settur. Dan billi l-kumpanija li tkun qabdithom u qeghda thallas ghad-domain ma tkunx ghadditilhom l-isem tal-persuna biex jigi registrat fuqha. Huwa sostna li domain mhux tieghu u l-invoices dejjem harighom lis-socjeta' Media.link Communications Company Limited. Aqulina xehed: *"La Abacus Solutions, l-ebda impjegat jew assocjat taghha, l-ebda direttur qabel u wara qatt ma kellu x'jaqsam mal-kontenut. Is-sit gie zviluppat b'tali mod u manjiera illi jezisti backend minn fejn l-impjegati tal-kumpanija jistghu itellghu l-affarijiet. Il-mument li x-xoghol tlesta inghadda lill-kumpanija bil-passwords kollha u huwa totalment u l-management tas-sit huwa totalment f'idejn il-kumpanija, dik hi l-informazzjoni, MediaLink".*

Jirrizulta mill-atti wkoll li Dr Borg Olivier fiz-zmien taz-zewgt artikoli kien is-segretarju generali tal-partit nazzjonalista kif ukoll kap ezekuttiv ta' Media.Link Communications Company Limited. Inoltre' mill-kopja tal-memorandum and articles of association[8] tas-socjeta'

---

[7] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
[8] Dok QT a fol 45 et sequitut tal-process

MediaLink Communications Company Limited esebita minn rapprezentant tal-MFSA[9] jirrizulta li Dr Paul Borg Olivier kien direttur ta' din is-socjeta' u gie appuntat direttur b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008.

L-istess imputat jixhed li dwar il-maltarightnow, il-partit nazzjonalista jew il-Medialink qatt ma kellha f'dak l-istadju, qabel jew wara, l-access la ghas-servers jigifieri kienet biss pjattaforma intiza esklussivament ghall-media tal-partit. Izda l-media tal-partit ma kinitx is-sid tas-sit.

Mehud dan kollu in kunsiderazzjoni, il-Qorti tqis li rrizulta li s-sit inkwistjoni kien pjattaforma li kienet tintuza' esklussivament mill-gurnalisti impjegati mal-kumpanija MediaLink Communications Company Limited. Il-kontenut tal-artikoli kienu biss f'idejn il-partit nazzjonalista u Aqulina ma kellu l-ebda kontroll dwar l-istess. Kwindi l-imputat fil-kariga li kien jokkupa fiz-zmien inkwistjoni jaqa' fil-parametri tad-definizzjoni 'persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni'. Gie ippruvat li huwa kien direttur tal-kumpanija Medialink liema kumpanija topera l-operat kummercjali tal-partit nazzjonalista fosthom ix-xandir tal-ahbarijiet inkluz ghalhekk il-maltarightnow.com.

Stabilit dan izda l-Qorti ma tistax tieqaf hawn. Dan ghaliex l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 248 hija li r-responsabbli ghall-pubblikazzjoni ghandu jigi mharrek biss meta la l-kittieb u lanqas l-editur ma jkunu maghrufa. Il-frazi wzata minn dan l-artikolu hija ***"jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati"***.

Il-Qorti tqis li tenut kont li hawn si tratta ta' proceduri penali jsegwi li ma ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha tal-ligi. F'dan il-kaz jirrizulta li l-awtur tal-artikoli seta' jigi identifikat facilment. Konsegwentement il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni - li l-imputat jaqa' f'din il-kategorija – ma kellux jitharrek huwa. Il-Qorti hija konvinta li l-awtur tal-kitba seta' facilment jigi identifikat ghaliex ghalkemm fl-artikoli ma giex indikat l-awtur taghhom, jirrizulta anki mill-clip li giet ezebita mid-difiza u li fih hemm is-servizz li ntwera fuq NetNews bhala rappurtagg tal-konferenza stampa inkwistjoni li kien il-gurnalist Matthew Bonnett li hejja l-istess servizz u li fl-ahhar

[9] PL Quentin Tanti fis-seduta tat-8 ta' April 2013

tas-servizz ighid ismu u kunjomu. Dan is-servizz intwera waqt l-ahbarijiet tal-istess gurnata li kienet inghatat il-konferenza stampa bl-istess titoli tal-artikoli inkwistjoni. Huwa wkoll evidenti fil-qasam gurnalistiku li min ikun qieghed prezenti ghal xi konferenza stampa jhejji s-servizz u l-artikoli. B'zieda ma' dan mill-clip ezebita mid-difiza tirrizulta car l-presenza ta' Bonnett waqt il-konferenza stampa wkoll.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni mressqa mid-difiza qeghda tintlaqa' billi hija misthoqqa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha, inkwantu ghat-tieni imputazzjoni tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-difiza li l-imputat ma kellux jitharrek huwa sabiex jirrispondi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant mhux qieghed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u kwindi qieghed jigi liberat mill-istess.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat